**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 13 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 622/00 AE**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Fabio Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u tnejn u disghajn lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm192.64) hlas dovut ghal access ghall-uzu ta' mobile telephone u airtime ghall-istess uzu, ghall-perjodu mit-13 ta' Novembru 1997 sat-23 ta' April 1999.

Semgha lill-avukat Dr. Anthony Vella jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat bil-procedura stabbilita fl-Artikolu 187 tal-Kap. 12, naqas milli jidher fis-seduti tal-31 ta' Ottubru 2001 u tat-13 ta' Novembru 2001 u lanqas ma pprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' mija u tnejn u disghajn lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm192.64), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**